ta ż-żmien lil Adenauer sabiex jiddedika ruħu għat-twaqqif tal-Unjoni Demokratika Kristjana (CDU) li huwa ttama li tgħaqqad lill-Protestanti u lill-Insara Ġermaniżi f'partit wieħed. Fl-1949, huwa sar l-ewwel Kanċillier tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja (il-Ġermanja tal-Punent). Fil-bidu, ħafna ħasbu li Adenauer kien se jkun Kanċillier għal ftit żmien biss, peress li meta ħa l-inkarigu, kellu diġà 73 sena. Madankollu, minkejja dan il-ħsieb, Adenauer (imlaqqam 'Der Alte', jew 'L-Anzjan') kompla jżomm din il-kariga għall-14-il sena sussegwenti biex b'hekk mhux talli sar l-iżgħar sindku fl-istorja ta' Cologne, iżda anki l-ixjeħ kanċillier li qatt kellha l-Ġermanja. Taħt it-tmexxija tiegħu, il-Ġermanja tal-Punent saret demokrazija stabbli u kisbet rikonċiljazzjoni dejjiema mal-pajjiżi ġirien tagħha. Huwa rnexxielu jerġa' jikseb xi sovranità għall-Ġermanja tal-Punent, billi integra l-pajjiż mal-komunità Ewro-Atlantika li kienet qiegħda tinħoloq (in-NATO u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika Ewropea).




*Adenauer jieħu b'idejn Charles de Gaulle fl-1961.*

## Kontribuzzjoni għall-integrazzjoni Ewropea

L-esperjenzi ta' Adenauer matul it-Tieni Gwerra Dinjija għamluh politiku realista. Il-fehmiet tiegħu dwar ir-rwol tal-Ġermanja fl-Ewropa kienu ferm influwenzati miż-żewġ Gwerer Dinjija u mill-mibegħda tul seklu sħiħ bejn il-Ġermanja u Franza. Għaldaqstant, huwa xeħet l-attenzjoni tiegħu fuq il-promozzjoni tal-idea ta' kooperazzjoni pan-Ewropea.

Adenauer kien proponent kbir tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, li tnediet mad-Dikjarazzjoni ta' Schuman fid-9 ta' Mejju 1950, u anki fit-trattat li ġie aktar tard, jiġifieri dak għall-Komunità Ekonomika Ewropea, f'Marzu 1957.

Il-fehmiet ta' Adenauer dwar l-Ewropa kienu msejsa fuq l-idea li l-unità Ewropea kienet essenzjali għal paċi u stabbiltà dejjiema. Għal din ir-raġuni, ħadem bla heda għar-rikonċiljazzjoni tal-Ġermanja ma' dawk li qabel kienu l-għedewwa tagħha, speċjalment Franza. Imbagħad, fl-1963, it-Trattat ta' Élysée, magħruf ukoll bħala t-Trattat ta' Ħbiberija, qiegħed is-siġill fuq din ir-rikonċiljazzjoni. Permezz ta' dan it-Trattat, il-Ġermanja u Franza poġġew sisien sodi għar-relazzjonijiet li temmew sekli sħaħ ta' rivalità bejniethom.

Minħabba t-talenti politiċi tiegħu, id-determinazzjoni, il-pragmatiżmu u l-viżjoni ċara tiegħu dwar ir-rwol tal-Ġermanja f'Ewropa magħquda, Adenauer żgura li l-Ġermanja saret, u għadha sal-lum, soċjetà ħielsa u demokratika. Illum, din mhux biss xi ħaġa li kulħadd iqisha bħala ovvja, talli hija miżrugħa wkoll fl-għeruq tas-soċjetà moderna Ġermaniża.

Konrad Adenauer huwa wieħed mill-iktar personalitajiet straordinarji fl-istorja Ewropea. Għalih, l-unità Ewropea ma kinitx tfisser biss paċi, iżda anki mod li bih il-Ġermanja ta' wara n-Nażiżmu setgħet terġa' tiddaħħal fil-ħajja internazzjonali. L-Ewropa hekk kif nafuha llum ma kinitx tkun possibbli mingħajr il-fiduċja li rnexxielu jispira fi Stati Ewropej oħrajn permezz tal-politika barranija konsistenti tiegħu. Il-kisbiet tiegħu għadhom rikonoxxuti sal-lum minn sħabu l-Ġermaniżi hekk kif fl-2003 ivvutawlu bħala 'L-aqwa Ġermaniż ta' kull żmien'.